MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1033/1996/1

**Joseph John Edwards sew proprju kif ukoll bhala prokuratur ta' Mae Waterhouse**

**Vs**

**Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta' Marzu 1996 li bih l-attur *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b' ordni ta' rekwizizzjoni numru 17056 il-konvenut kien irrekwizizzjona mill-poter ta' l-atturi kamra vojta f' 97 Tonna Street, Sliema liema kamra kienet tforni l-unika access li l-istess atturi kellhom ghall-ghalqa li

kienet tinsab retroposta ghall-proprjeta` f’ 97 Tonna Street, Sliema;

U Premess illi l-istess kamra bhala serventi biss ghall-iskop li taghti access ghal fuq imsemmija ghalqa ma kinitx rekwizizzjonabbili skond il-ligi;

U Premess illi sussegwentement id-Direttur ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali kien gharraf lill-atturi li inkluza l-istess ordni ta’ rekwizizzjoni kien hemm ukoll it-tehid ta’ pussess tal-ghalqa retroposta ghall-proprjeta` ta’ l-atturi u cioe` l-kamra li ggib in-numru 97 Tonna Street, Sliema kif ukoll proprjeta` ohra adjacenti;

U premess illi tali tehid sar in vjolazzjoni tal-ligi sija billi l-ghalqa bhala ghalqa ma kinitx rekwizizzjonabbili sija wkoll billi t-tehid ta’ l-istess proprjeta` ma sarx fl-interess pubbliku kif dikjarat fl-istess ordni u fi kwalsiasi kaz qieghed jinghata lill-atturi kumpens irrizorju u merament simboliku ghat-tehid tal-pussess ta’ l-istess proprjeta` mill-poter ta’ l-atturi;

Talab ghalhekk l-attur *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara null u bla effett l-ordni ta’ rekwizizzjoni fuq imsemmi 17056 li bih giet rekwizizzjonata l-proprjeta` fuq imsemmija u dan billi *ultra vires* l-poteri tal-konvenut Direttur ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali;

2. Tiddikjara in difett lezi d-drittijiet fondamentali ta’ l-attur kif protetti mill-ewwel artikolu ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea bir-rekwizizzjoni tal-fuq imsemmija proprjeta` taht il-fuq imsemmi ordni ta’ rekwizizzjoni u dan billi l-istess rekwizizzjoni ma saritx ghall-interess pubbliku u ma huwiex qieghed l-istess attur jinghata kumpens xieraq u adegwat ghall-istess rekwizizzjoni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Frar, 1996;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *proprio et nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali pprezentata fit-8 ta’ Mejju 1996 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-ragunijiet segwenti:

(a) l-ordni ta’ rekwizizzjoni numru 17056 saret skond il-ligi sabiex l-inkwilina Stella Pace u l-familja taghha, li qabel ma harget ir-*requisition* kienu jokkupaw l-ewwel sular ta’ l-istess fond jkollhom abitazzjoni xierqa fejn joqghodu;

(b) l-attur permezz tal-mandatarju tieghu Annie Caruana mal-ewwel kienet iddepozitat ic-cwievet tal-fond rekwizizzjonat;

(c) l-attur qatt ma rrifjuta l-kera tal-fond rekwizizzjonat;

2. Illi t-tieni talba ta’ l-attur ghandha tigi michuda stante li din il-Qorti mhux il-Qorti li ghandha l-poter tiehu konjizzjoni ta’ allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem. U kemm-il darba l-attur jissolleva din il-lezzjoni ta’ dritt fondamentali f’ dawn il-proceduri, allura din il-Qorti zgur taf x’ ghandha taghmel;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

4. Illi huwa m’ghandux ibati spejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-21 ta’ Novembru 1997 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex izzomm seduti ghall-gbir tal-provi;

Rat l-affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-fatti li pprecedew u taw lok ghal din il-kawza huma, fil-qosor, is-segwenti:-

I. Il-fond 97 Tonna Street, Sliema kien kolpit b’ ordni ta’ rekwizizzjoni Nurmu 17056 mahruga fl-10 ta’ Settembru 1975 u servuta lil Charles Edwards (kopja taghha esebita a fol. 20). Gja l-ambjenti ta’ dan l-istess fond kienu gew rekwizizzjonati fl-1941 bl-operat tar-Regolamenti ta’ l-1939 dwar id-Difiza. Ara deposizzjoni ta’ Noel Borg, clerk mad-Dipartiment ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali (fol. 35);

II. L-ordni ta’ rekwizizzjoni kienet tispecifika “*vacant room in 97 Tonna Street, Sliema*”. Fil-mument tal-konsenja tac-cwievet fis-6 ta’ Frar 1976 l-akkomodazzjoni giet deskritta bhala komprensiva ta’ “*1 room, kitchen, toilet and field*”. (Ara dokument intitolat “Taking over of Premises” a fol. 26);

III. Il-fond hekk rekwizizzjonat gie allokat fid-9 ta’ Frar 1976 lil Stella Pace li gja kienet tokkupa l-ambjenti ta’ fuq tieghu flimkien ma’ binha, martu u uliedu. Minn ispezzjoni kondotta fl-1992 mill-Housing Inspector irrizulta li l-fond kien qed jintuza ghall-finijiet ta’ residenza mill-familja Pace. Ara xhieda ta’ Mario Micallef a fol. 58;

Iv. Il-fond in ezami huwa dettaljament deskritt mill-Arkitett Rene` Buttigieg, inkarigat mis-sid. Dan kif evidenzjat mill-

estratt peritali a fol. 52. F' din ir-relazzjoni jinghad *inter alia* illi retroposta ghal gnien hemm gnien jew ghalqa li fiha vaska u parti minnha msaqqfa bhala "*greenhouse*". Dan il-gnien jew ghalqa ta' kejl cirka 60 qasba kwadra huwa acessibbli mill-gnien anterjuri permezz ta' fetha u tarag mikxuf. Dan hu konfermat ukoll minn Anthony Pace (fol. 59) li jzid jghid li l-fond *de quo* minn dejjem kien uzat ghall-abitazzjoni tant li f' xi zmien fih kienu joqghodu erba' familji anke jekk mhux komodament;

V. Jinghad li l-uniku access ghall-gnien jew ghalqa imsemmija kien biss tramite l-fond *de quo*. Ara Affidavit ta' Joseph John Edwards a fol. 91. Skond ix-xhud Annie Caruana (vide Affidavit a fol. 88), "th*e door leading to the field was secure and always padlocked*", u l-unici utenti taghha kienu s-sidien. Ic-cwievet konsenjati minn din ix-xhud lil Housing Department kienu jinkludu fosthom ic-cavetta tal-bieb konducenti ghall-ghalqa;

VI. Il-kera tal-fond gie regolarment imhallas mill-perusna akkomodata, u percepit mis-sid;

VII. Is-sid talab li jinghata pussess lura tal-kamra biex ikun jista' jaccedi ghall-ghalqa. L-ittra tieghu ta' l-14 ta' Novembru 1975 (fol. 23) hi f' dan is-sens. Billi ma kellux rispons favorevoli ghal din ir-rikjesta ghoxrin sena wara ntavola l-istanza odjerna. Dan fuq il-premessa illi r-rekwizizzjoni in disamina kienet *ultra vires* il-poteri ta' l-intimat vestiti lilu mil-ligi u inoltre kienet leziva tad-drittijiet fondamentali tieghu sanciti fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Minn dak sottomess mill-attur *proprio et nomine* dan jadduci dawn il-motivi:-

A. It-tehid tal-pussess tal-fond bl-ordni ta' rekwizizzjoni emanata mill-konvenut ma sarx fl-interess pubbliku. Dan ghar-raguni illi l-familja Pace gja kellha post iehor fejn tghammar u ghalhekk l-ordni ta' rekwizizzjoni ma setghetx saret sabiex il-konvenut jipprovdi post fejn jghixu n-nies;

B. Ankorke jigi ritenut illi tali ordni saret fl-interess pubbliku xorta wahda ma giex imbaghad segwit il-principju tal-proporzjonalita` billi l-privazzjoni tal-ghalqa arrekat pregudizzju akbar. Dan kollu bi ksur tal-jeddijiet bazici tieghu sanciti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni;

C. F'kull kaz l-ghalqa retroposta ghal fond ma setghetx tkun kolpita bl-ordni tar-rekwizizzjoni in kwantu din ma kellhiex titqies parti integrali mill-fond gjaladarba hi retroposta wkoll ghal fondi ohra fl-istess triq u dippju l-ebda detentur tal-fondi ma kellu access ghaliha billi din kellha bieb li jissakkar b'katnazz. Jikkontendi ghalhekk illi jekk ma kinitx parti integrali mill-bini rekwizizzjonat, *ergo* l-ghalqa ma setghetx tkun soggetta ghar-rekwizizzjoni;

Qabel ma l-Qorti tinoltra ruhha fuq dawn is-sottomissjonijiet u dawk l-ohra sollevati mill-konvenut b' mod tassew ezawrjenti jkun opportun jekk jigu sottolinejati dawn l-osservazzjonijiet ta' fatt emergenti mill-provi:-

a) Fl-ewwel lok ma jidhirx li huwa kontestat illi l-fond rekwizizzjonat qieghed jigi uzat ghall-abitazzjoni;

b) Dak li hu verament kontestat jirrigwarda l-fatt jekk l-istess rekwizizzjoni kinitx komprensiva wkoll tal-ghalqa retroposta ghal fond jew din kellhiex titqies distinta mill-bini b' mod li allura, kif ritenut mill-attur *proprio et nomine*, ma setghetx tigi milquta minn ordni ta' rekwizzjoni, u jekk dan sar, allura l-konvenut agixxa *ultra vires* il-ligi;

Huwa fatt illi r-*requisition order* saret mill-awtorita` kompetenti skond il-formalitajiet rikjesti mil-ligi. Li jfisser li allura taht dan l-aspett hi guridikament effikaci;

Huwa fatt ukoll illi l-fond kolpit b' tali ordni jikkonsisti ghal dawk li huma ambjenti fil-livell tal-pjan terran f' kamra esterna bil-bieb fuq wara ghal kamra tat-tarag retroposta li wkoll ghandha bieb ghal kamra ohra sitwata warajha. Minn din ta' l-ahhar tghaddi permezz ta' zewg accessi

separati ghal kamra ad uzu ta’ kcina u kamra ad uzu ta’ kamra tal-banju. Mill-kcina hemm bieb konducenti permezz ta’ tarag ghal gnien zghir u minn dan imbaghad, ukoll permezz ta’ tarag mikxuf, ghal gnien jew ghalqa. Dan kif ahjar deskritt fir-relazzjoni redatta mill-Arkitett Rene` Buttigieg (fol. 53 u 54). Jinghad li l-gnien jew ghalqa *de qua* hi milhuqa biss mill-ambjenti tal-fond rekwizizzjonat u minn ebda wiehed mill-fondi l-ohra, ilkoll proprjeta` ta’ l-istess sid;

Indubbjament, l-ordni ta’ rekwizizzjoni tikkomprendi l-ispossessar ta’ dawn l-ambjenti kollha appena deskritti. L-ordni nnifsu ma tatix din il-generalita` kollha ta’ l-ambjenti izda imbaghad dan gie precizat fid-dokument redatt fil-mument tal-konsenja tac-cwievet mill-*housekeeper* tas-sid, ossija Annie Caruana (fol. 26). Wiehed jifhem ukoll illi anke kieku ma saritx din il-precizazzjoni t-tehid ta’ fond kien necessarjament jikkomprendi dak ta’ l-assorji tieghu u dak li hu destinat ghall-uzu tal-fond innifsu. Dan hu hekk ukoll fil-kaz ta’ kirjiet u ta’ bejgh u ta’ kull mod iehor ta’ trasferiment sakemm xi ambjent partikolari ma jkunx espressament eskluz. Hekk *ad exemplum* jinghad illi “*la vendita di una casa comprende i cortili ed i giardini rinchiusi nei muri di recinto con ingresso dalla porta della casa stessa*” (**Vol. XVI P II p 183; “Joseph Bezzina –vs- George Xuereb *et***”, Appell Civili, 5 ta’ Frar 1971);

Dan premess, il-Qorti hi tal-fehma illi l-ghalqa jew gnien hi *quid unum* mal-kumplament ta’ l-ambjenti rekwizizzjonati u in tema ta’ l-istess definizzjoni fil-ligi mahsuba, *ex* Artikolu 2, Kapitolu 125, il-kelma “bini”, “tinkludi kull art jew gnien li jaghmlu sehem shih, jew li huma maghluqin f’ dik id-dar jew f’ dak il-bini iehor”. Kif f’ sens iehor jinghad b’ referenza dejjem ghall-istess ligi riferibilment dwar l-aspett tar-rikonoxximent, “lanqas jista’ r-rekwizizzjonat f’ kaz ta’ dar bil-gnien maghha, jitlob li ma jirrikonoxxix lill-inkwilin dezinjat mill-Housing Department ghall-gnien biss, u li jigi awtorizzat jiehu taht idejh il-gnien biss; ghax xejn ma hemm fil-ligi li juri li wiehed jista’ jiddistingwi parti minn ohra tal-fond rekwizizzjonat; u d-dar tikkomprendi l-gnien” – “**Wisq Rev. Kan. Dun Emmanuele Farrugia –vs- Onor**

**Joseph Ellul Mercer *nomine***”, Appell Civili, 28 ta’ Marzu 1958;

Kif jidher mit-termini introduttivi ta’ l-Att dwar id-Djar (Kapitolu 125) il-ligi saret “biex jipprovvdi biex jizgura li jsibu fejn jghammru lin-nies minghajr dar, biex jizgura tqassim xieraq ta’ postijiet fejn wiehed jista’ jghammar u biex jistghu jsiru rekwizizzjonijiet ta’ bini”;

L-Artikolu 3 (1) ta’ l-Att imsemmi jissokta jispecifika illi l-konvenut jista’ johrog rekwizizzjoni ghal kull bini jekk jidhirlu li hu hekk mehtieg jew xieraq fl-interess pubbliku. Dan bil-ghan biex jipprovdi lin-nies fejn joqghodu jew biex jizgura t-tqassim xieraq ta’ dawk il-postijiet fejn wiehed jista’ jghammar;

Huwa ragjonevolment car li l-ligi qeghda hawn tikkonsidra tliet ipotesijiet indipendenti (i) dik ta’ l-interess pubbliku; (ii) dik tal-provizjon ta’ djar; u (iii) dik tat-tqassim ekwu tad-djar. Logikament pero` “mhux bizzejjed illi r-rekwizizzjoni tkun saret *inter alia*, fl-interess pubbliku, ghaliex ladarba dak il-‘*public interest*’ gie limitat bil-kliem ‘*for providing living accomodation*’, il-portata tar-rekwizizzjoni giet limitata ghall-iskop ta’ l-abitazzjoni, u mhux ukoll ghal skopijiet ohra ta’ interess pubbliku”, - “**Avukat Dr. Francesco Masini *nomine* –vs- Wilfred Podesta *nomine***”, Appell Civili, 21 ta’ April 1961. Din is-silta naturalment tapplika fejn l-ordni ta’ rekwizizzjoni tkun redatta f’ termini precizi ta’ restrizzjoni ta’ uzu ghal skop partikulari; fil-kaz appena citat, dak ta’ abitazzjoni. Hu allura biss f’ dan il-kaz fejn l-ipotesi ta’ interess pubbliku mhijiex aktar konsidrata bhala ipotesi *a sè* u komprensiva. Fil-kaz prezenti dan ma japplikax ghaliex hu car illi, kif fuq ravvisat, il-fond in kwestjoni qieghed fil-fatt jigi uzat ghall-iskop ta’ abitazzjoni u dan in sintonija ma’ l-iskop tar-rekwizizjoni;

Intqal illi “il-poteri tad-Direttur ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali huma arginati biss bl-Artikolu 3 (1) tal-Kap 125 u kien biss jekk is-sid jirnexxielu jissodisfa lill-Qorti illi r-rekwizizzjoni

ma kinitx mehtiega jew xierqa fl-interess pubbliku biex jipprovdi akkomodazzjoni ghan-nies fejn jghammru illi s-sid jista' jottjeni dikjarazzjoni gjudizzarja illi d-Direttur kien agixxa oltre l-poteri tieghu" – "**Lawrence Attard *et nomine* –vs- Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali *et***", Appell. 5 ta' Ottubru 2001;

Issa hu minnu illi ordni ta' rekwizizzjoni ggib bhala konsegwenza taghha restrizzjoni tal-libera disponibilita` tal-proprjeta` privata.  Dan hu hekk il-kaz ghaliex "ir-rekwizizzjoni ta' fond ghandha bhala effett li tispossessa lis-sid rekwizizzjonat b' mod li minn mindu ssir u sakemm tibqa' ssehh ir-rekwizizzjoni, il-pussess tal-fond u d-disponibilita` tieghu ma huwiex aktar f' idejh, izda f' idejn l-amministrazzjoni li rrekwizizzjonat il-fond, u allura s-sid, *pro tempore*, ma ghandux l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet dwar l-okkupazzjoni tal-fond ..." – "**George Zahra –vs- Carmelo Chircop *et***", Appell Civili, 8 ta' Frar 1960;

Eppure l-Att *de quo* jaghti certament poter l-aktar ampju lill-awtorita` rekwizizzjonanti li taghmel jew li tippermetti li jsir kull uzu mill-fond, purche, s' intendi, dejjem, skond kif jinhass xieraq fl-interess pubbliku;

Issa fil-fehma tal-Qorti l-attur *proprio et nomine* ma rnexxielux jaghmel kaz ragjonevoli dwar l-allegazzjoni centrali tieghu illi l-ordni ta' rekwizizzjoni nharget *ultra vires* mill-konvenut u per konsegwenza din ghandha tigi revokata.  Fir-rigward taghmel dawn ir-riflessjonijiet:-

A. Ibda biex fl-apprezzament tal-fatti u l-ezami tal-pubbliku interess ma jistax ikun hemm regoli u kriterji fissi u kull kaz ghandu ghalhekk jigi ezaminat u skrutinat fuq il-meriti u l-entita` tieghu;

B. Fit-tieni lok l-allokazzjoni ta' fond biex wiehed ikabbar il-kumditajiet tieghu ma jfissirx illi b' daqshekk il-konvenut ma ottemperax ruhu mar-rekwiziti tal-ligi jew mar oltre l-iskop ta' l-istess ligi.  Il-Qorti anzi tqis li hu fl-interess

pubbliku li fil-parametri tal-ligi jkun hemm tqassim ekwu tad-djar b' mod li tigi assikurata sistemazzjoni aktar komda u ta' kwalita`. Dan certament igib arrikkiment tal-hajja socjali u ghandu allura jigi lodat fejn l-ezercizzju tad-diskrezzjoni vestita mil-ligi fil-konvenut ikun, bhal f' dan il-kaz, gie konsegwit konformement mal-ligi u minghajr abbuz. Kif drabi ohra ritenut "il-kliem 'interess pubbliku' in kwantu necessarjament jikkomprendu kull aspett tal-hajja socjali tal-pajjiz, huma ta' portata mill-aktar estensiva" ("**Albert Galea –vs- Onor. Dr. Patrick Holland *nomine***, Appell Civili, 29 ta'Jannar 1980). Jekk dan kien hekk enuncjat fil-kaz ta' ordni ta' tehid ta' fond ghall-iskop ta' allokazzjoni ghal kazin politiku, b' maggur forza ghandu jinghad f'dan il-kaz fejn l-iskop kien dak luzingjier li tigi assikurata akkomodazzjoni dicenti. Dan huwa certament il-minimu li wiehed jista' jaspira ghalih f' pajjiz li jsejjah lilu nnifsu civilizzat. Il-beneficcju ghall-familja akkomodata huwa bil-wisq superjuri ghal min mill-istess fond kull tant zmien kien forsi jaghmel uzu sporadiku biex jaccedi ghall-gnien jew ghalqa. Dan hu bil-wisq evidenti minn dak accertat jew rakkontat mix-xhieda fejn intqal li l-ghalqa kienet "fi stat hazin u zdingata" (ara deposizzjoni in kontro-ezami ta' Annie Caruana, a fol. 96) u servjenti biss "biex in-nies jitfghu l-iskart fiha" u biex ibejtu l-grieden (xhieda ta' Anthony Pace, fol. 59);

C. Sewwa ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti rritjiena l-konvenut fejn ikkummenta illi, l-iskop milhuq bir-rekwizizzjoni kien dak ta' tqassim ahjar ta' akkomodazzjoni u ta' provizjoni ta' ambjenti adegwati ghall-abitazzjoni u li tali skop u finalita` huwa ta' interess pubbliku li fihom il-komunita` in generali ghandha interess. Apparti l-kwestjoni ta' l-istharrig gudizzjarju tad-diskrezzjoni amministrattiva, il-Qorti hi sodisfatta li meta nharget ir-*requisition order* il-konvenut kien accerta ruhu li kienu jokkorru cirkostanzi li kienu jiggustifikaw it-tehid tal-proprjeta` fl-interess pubbliku mid-Dipartiment koncernat. Interess pubbliku li kif gja ampjament espress *supra* baqa' jissussisti tul is-snin tant li anke fil-mument meta giet intavolata l-odjerna azzjoni kien stabbilit illi l-fond kien ghadu qed jigi okkupat bhala fond ta' abitazzjoni minn iben il-persuna li lilha kien gie originarjament allokat;

D. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-hrug tar-*requisition order* u l-allokazzjoni qed tigi kontestata 20 sena wara t-tehid u l-allokazzjoni li matulhom is-sid accetta l-kera tal-fond minghand il-persuna akkomodata fih. Dan il-kera hu dak stabbilit mil-Land Valuation Officer. Kif jinsab rimarkat "il-kumpens pagabbli lis-sid ghandu jigi kalkulat skond l-uzu li ghalih il-Gvern iddestina l-fond wara r-rekwizizzjoni; u l-uniku mod legali li bih ghandu jigi stabbilit dan il-kumpens hu mill-Bord tal-Kera skond il-kriterju relattiv ghad-djar ta' abitazzjoni " ("**Onor. Joseph Ellul Mercer *nomine* –vs- Dr. Francis Pullicino M.D.**", Appell Civili, 3 ta' Ottubru 1958). Jekk fil-kaz prezenti s-sid dan ma ghamlux, kif hekk konfermat minn Joseph John Edwards (fol. 57), ma jistax issa jilmenta li gie lez il-principju tal-proporzjonalita`. Terga' f' dan il-kaz ir-rekwizizzjoni, ghad-differenza ta' l-esproprijazzjoni, ma ggibx tehid forzat tal-proprjeta` izda spussessar *pro tempore* ta' l-uzu u ta' l-amministrazzjoni tal-fond rekwizizzjonat;

Issa in linea sussidjarja l-attur *proprio et nomine* issolleva l-punt ta' allegata vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu taht il-Konvenzjoni Ewropeja, senjatament l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol. Fuq din il-materja l-Qorti tikkonkorda mal-konvenut illi l-Qorti adita ma hijiex il-forum adatt sabiex l-attur *proprio et nomine* jqajjem il-lanjanza tieghu bazata fuq l-Att XIV ta' l-1987;

Biex jinghad kollox ma jidhirx li hu konsentit illi l-Qorti tezamina l-materja taht din il-Konvenzjoni. "*The Commission has no competence to examine complaints concerning matters which take place before the entry into force of the treaty or the date of ratification by the state in question" ("**Law of the European Convention on Human Rights***", Harris Boyle and Warwick, p 640);

L-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319 li jinkorpora l-Att imsemmi awtomatikament inehhi mill-applikabilita` tal-Konvenzjoni kull ksur li seta' twettaq, kien b' liema mezz kien, qabel it-30 ta' April 1987, id-data operattiva meta dak l-Att dahal fis-sehh. Dan kif kienet taqra din id-disposizzjoni fil-

mument ta' intavolar ta' l-azzjoni u qabel ma din giet sostitwita bl-Att XXI ta' l-2002. Ara in subjecta materja d-decizjoni fl-ismijiet "**Louis Manduca –vs- Il-Prim Ministru *et nomine***", Appell, 13 ta' Jannar 1999;

Minn naha tal-konvenut giet sollevata wkoll il-kwestjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni li hu jinkwadra taht id-dispost ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Fir-rigward din il-Qorti tirreferi ghall-insenjament traccjat fis-sentenza fl-ismijiet "**AIC Joseph Barbara *et* –vs- Onor. Prim Ministru**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997 fejn ukoll kienet giet sollevata eccezzjoni konsimili li pero` giet inwarrba in bazi ghall-konsiderazzjoni illi azzjoni ghar-rivendika tad-dritt fondamentali hi impreskrivibbli;

Dan ma jfisserx pero` illi kif gja fuq manifest l-Konvenzjoni nvokata ma hijiex limitata fl-applikazzjoni taghha. Kif osservat fil-precitata sentenza l-ahhar imsemmija "din il-limitazzjoni pero` ma tistax titqies bhala perjodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni imma bhala limitazzjoni fuq il-gurisdizzjoni tal-Qorti li tiehu konjizzjoni ta' fatti li kienu graw qabel dik id-data meta gie fis-sehh l-Att u dan ghal fini ta' l-ghoti tar-rimedju taht il-provvediment tal-Konvenzjoni Ewropeja";

Dan premess, din il-Qorti ma tarax kif fil-kaz partikulari, tenut qies ta' dak kollu fuq evalwat u espost, jista' jigi ritenut illi l-konvenut agixxa *ultra vires* il-poteri lilu konferiti bl-Att dwar id-Djar (Kapitolu 125); u fuq kollox li fl-ezercizzju ta' l-istess poteri ma hax kura ta' l-interess pubbliku. Dan anke ghaliex fil-kaz in ispecie, fuq it-taghlim tad-dritt amministrattiv Franciz, il-Qorti ma tirrileva l-ebda antinomiji bejn l-utilita` pubblika u l-interess privat tas-sid; anzi pjuttost tirriskontra konvergenza bejniethom meta r-raguni tircievi spjegazzjoni mill-kumpless tal-fatti, l-apprezzament dwarhom, u l-estensjoni interpretattiva tan-nozzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula tirrigetta t-talbiet attrici. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attur *proprio et nomine*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------